# Aktar minn 100 tifel u tifla jqattgħu Sibt il-Għid b'differenza fis-Simar

## Isir l-avveniment annwali Easter Egg-Citement fir-riserva ta' BirdLife Malta, ġurnata ta' attivitajiet fin-natura għat-tfal

Għal aktar minn 100 tifel u tifla, Sibt il-Għid din is-sena kien wieħed b'differenza hekk kif ingħaqdu ma' BirdLife Malta għal ġurnata fin-natura mimlija attivitajiet ta' divertiment.

L-avveniment annwali Easter Egg-Citement sar nhar is-Sibt li għadda fir-Riserva Naturali tas-Simar b'ammont rekord ta' parteċipanti. BirdLife Malta żiedet ukoll in-numru ta' attivitajiet li jiġu organizzati tul din il-ġurnata biex tilqa' għall-interess qawwi li kien hemm u żżomm lit-tfal kollha kuntenti.

L-attività, li kienet ilha *fully-booked* minn ġimgħat qabel, kienet tinkludi *Easter egg hunt* flimkien ma' attivitajiet oħrajn mifruxin madwar ir-riserva bħal arti u *crafts* marbutin mat-tema tan-natura bl-iskop li joħorġu l-kreattività tat-tfal waqt li fl-istess ħin jġegħluhom iħaddmu ftit moħħhom.

Grazzi għat-tim tagħna fir-riservi, dak tal-attivitajiet u dak tal-edukazzjoni, it-tfal ingħataw ukoll l-opportunità li jippruvaw ftit *birdwatching* minn ġol-*hides* tar-riserva tas-Simar u anke jgawdu dimostrazzjonijiet ta' *bird ringing* li tmexxew mir-*ringers* kwalifikati ta' BirdLife Malta. Il-parteċipanti żgħar mimlijin entużjażmu tgħallmu għaliex l-għasafar jibnu l-bejtiet tagħhom bil-mod kif jibnuhom u x'materjal jużaw, kif ukoll dwar id-daqs differenti tal-bajd tal-għasafar u l-kuluri varjati tagħhom.

L-Easter Egg-Citement ta' BirdLife Malta hi waħda mill-aktar attivitajiet li jkunu mistennija kull sena u din is-sena ma kinitx eċċezzjoni. Kif spjegat l-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady: "Din l-attività hija opportunità mill-aqwa biex familji u tfal Maltin jiċċelebraw l-Għid fil-miftuħ qrib in-natura u jitgħallmu dwar il-ħajja fis-selvaġġ fil-Gżejjer Maltin waqt iż-żmien tal-passa tal-għasafar fir-rebbiegħa".

Ir-Reserves Manager ta' BirdLife Malta Mark Gauci, min-naħa tiegħu, żied jgħid: "Tul l-aħħar ġimgħat kellna varjetà interessanti ta' speċi ta' għasafar jistrieħu u jieklu fir-riserva, xi ħaġa li hija karatteristika tar-rebbiegħa meta r-riserva tkun mimlija ħajja. Għalhekk ninsabu kuntenti li dawn it-tfal kollha setgħu jaraw x'kapaċi joffri pajjiżna meta l-ambjent naturali jkun imħares kif suppost".



Minħabba l-ammont kbir ta' *bookings,* l-attività nqasmet f'sessjonijiet bl-attivitajiet edukattivi għat-tfal jiġu ripetuti kull siegħa bejn l-10am u s-2pm sabiex ikunu jistgħu jiġu akkomodati l-gruppi kollha skont l-etajiet tat-tfal li kienu jvarjaw minn 3 sa 11-il sena.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/JMt3sjOjRM**

- Għażla ta' ritratti meħudin waqt Easter Egg-Citement 2018 (Ritratti ta' Eleni Karatazia)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/cDoXaWDFA6s**

- Għażla ta' filmati miġbudin waqt Easter Egg-Citement 2018 (Filmati ta' Kinga Kupska, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)

